

Kitba ta' Mario Dimech

# Il-Kappella ta' l-Annunzjata fuq ta' l-Għolja

Proverbju Taljan jgħid: "Qalb qawwija tegħleb xorti ħażina". Donnu li dan il-proverbju jiddeskrivi fil-qosor l-istorja tal-kappella ta' l-Annunzjata mibnija fuq l-ogħla post fil-konfini tar-raħal tagħna u li llum tinsab taħt id-dell tas-Salib Ta' l-Għolja. Peress li fil-kors ta' l-istorja din il-kappella ġġarrfet kemm-il darba, b'nofs ċajta wieħed jista' jgħid li ma tantx sabet xorti! Imma l-qlub kuraġġuża ta' persuni li ma qatgħux qalbhom mill-istat ħażin li fih kienet waqgħet il-kappella u raw kif għamlu biex ġiet irrestawrata, żammew lill-kappella wieqfa sal-ġurnata tal-lum.

Mhux magħruf eżatt is-sena meta nbniet l-ewwel kappella fuq *Ta' l-Għolja* imma l-oriġini tagħha jmorru lura għat-tieni nofs tal-ħmistax-il seklu. Kien Dun Guljelmu Tonna, Dekan tal-Kapitlu tal-Katidral, li bena l-kappella ta' l-Annunzjata fl-artijiet tiegħu kif ukoll xi kmamar għall-bżonnijiet tal-prokuratur. Kull sena Dun Guljelmu kien joħroġ minn butu l-ispejjeż kollha involuti fil-manutenzjoni tagħha u fiċ-ċelebrazzjoni tal-festa. Dun Guljelmu Tonna kien miet fl-1482, allura l-kappella nbniet żgur qabel din is-sena. F'xi dokumenti nsibu miktub li l-kappella reġgħet inbniet fl-1494 mill-poplu Siġġiewi bit-tħabrik tal-kappillan Dun Amator Zammit. Mons. Vinċenz Borg,



**Il-Kappella tal-Lunzjata kif tidher mit-telgħa tas-Salib ta' l-Għolja.**

wieħed mill-esperti ewlenin ta' l-istorja ekkleżjastika f'Malta, jidher li ma jaqbilx ma' dan il-fatt. Borg, fir-riċerka tiegħu, isemmi li ftit snin qabel l-1494, ħu Dun Guljelmu, Orlando Tonna, li kien ukoll eredi tiegħu, ħalla għalqa għall-bżonnijiet kollha ta' din il-knisja u allura kienet tkun ħaġa stramba li sa l-1494 il-kappella kellha bżonn tinbena mil-ġdid.

L-atti notarili medjevali jagħtuna dawl fuq l-isem li bih kienet magħrufa l-kappella fuq *Ta' l-Għolja*. L-ewwel darba li din il-kappella tissemma b'mod dirett fid-dokumenti hi fl-**1500** fejn in-nutar Ġakbu Zabbara jirreferi għaliha bħala *Santa Marija ta' Kemmuna* (*Sanctae Mariae de la gkemuna). Ta' Kemmuna* kien l-isem ta' l-istess qasam art li llum hu magħruf bħala *Ta' l-Għolja,* u b'hekk il-kappella ħadet l-isem ta' l-art li fuqha kienet mibnija. Probabilment l-isem *ta' Kemmuna* etimoloġikament ġej mill-kelma *kemun*, xitla li għal żmien twil kienet ikkultivata ħafna f'Malta u tiġi esportata wkoll. Il-Prof. Godfrey Wettinger jgħid li jista' jkun ukoll li l-isem *ta' Kemmuna* kien ġej mill-isem personali *Kemmun* jew minn xi varjant tal-kunjom Lhudi *Kemmoun* li kien jinsab fl-Afrika ta' Fuq. Żgur li sa min-**nofs is-seklu 16** din il-kappella kienet magħrufa wkoll bħala *Santa Marija Ta' l-Għolja*, propju minħabba l-altitudni ta' dan il-post.

Fil-viżta pastorali ta' l-**1575 Mons. Pietru Duzina** jsemmi li din il-kappella kienet mibnija fuq ix- xagħra li tinsab fuq il-quċċata ta' l-għolja magħrufa bħala x-*Xagħra l-Fuqanija tal-Qassis*. Hi kellha altar wieħed, bibien ta' l-injam u paviment. Il-kappella ma kellhiex rettur, introjtu u affarijiet oħra neċessarji imma **Salvatore Montagnere** li kien jippossiedi għalqa fl-akwata magħrufa *Habel ix-Xiħ(*art fl-inħawi ta' Ħal Xluq) kellu l-obbligazzjoni fuq l-imsemmija art li fil-ġurnata tal-festa tal-Lunzjata jara li jiġu ċċelebrati l-għasar u l-quddiesa, kif ukoll jagħti ikel lill-qassisin u lill-foqra.

Kważi 50 sena wara, meta l-**Isqof Cagliares** żar din il-knisja fl-1634, sab li kienet miżmuma tajba; forsi għax kellha prokuratur. Il-kappella kienet miżbugħa minn ġewwa bil-ġir u pavimentata biċ-ċangatura. Kellha pittura titulari tirrappreżenta l-Annunzjazzjoni, fonti ta' l-ilma mbierek, xi pitturi antiki u kienet mgħammra bl-affarijiet neċessarji kollha.

Mid-dokumenti jidher li l-poplu Malti kellu stima u devozzjoni kbira lejn il-kappella *ta' l-Għolja*. Tant hu hekk li hi murija ta' spiss fuq il-mapep tal-gżejjer Maltin matul is-sekli. Hu magħruf li l-kappella kienet tgawdi wkoll devozzjoni mill-baħrin peress li kienet l-ewwel post f'Malta li jintlemaħ minn fuq il-baħar. M'għandniex xi ngħidu li d-devozzjoni lejn din il-kappella kienet diffuża wkoll fil-poplu tar-raħal tagħna. Fil-fatt nhar il-25 ta' Marzu ta' kull sena, f'jum il-festa ta' Marija Annunzjata, il-poplu tas-Siġġiewi kien jitla' proċessjonalment sa ħdejn il-kappella bis-sehem tal-kleru u l-fratellanzi. Mhux ċert minn fejn kienet ġejja din l-użanza imma Achille Ferres jgħid li kienet issir b'ringrazzjament 'l Alla għall-ħelsien mill-Mori fl-1429.

Il-kappella tal-Lunzjata reġgħet inbniet bejn l-**1680** u l-**1681** fi żmien il-**Granmastru Caraffa** u l-**Isqof Girolamo Molina**. Il-viżta pastorali ta' l-1699 issemmi li l-istemmi ta' dawn il-persuni importanti kienu tqiegħdu fuq il-bibien li jagħtu għas-sagristija. Dettalji ta' x'kienet ir-raġuni ta' dan l-intervent u kif sar huma nieqsa għal kollox mid-dokumenti storiċi. Mal-medda taż-żmien il-kappella għaddiet minn bosta interventi ta' tiswija minħabba detorjorazzjoni u ħsarat ikkawżati minn bosta fatturi, fosthom bit-terremoti. Minkejja dan kollu hu mifhum li xi partijiet posterjuri tagħha, li nbnew fl-1680-1681, għadhom sħaħ sal-lum. Dan minħabba l-fatt li l-istemmi tal-Granmastru Caraffa u l-Isqof



**Il-kappella tal-Lunzjata kif tidher minn wara, bis-Salib ta' l-Għolja fl-isfond.**

Molina għadhom jidhru sal-lum il-ġurnata.

Il-kappella *ta' l-Għolja* ġarrbet ħsarat konsiderevoli bit-terremot ta' l-**1693** u skond Ferres reġgħet bdiet tinbena s-sena ta' wara bit-tħabrik tal-prokuratur **Dun Franġisk Attard**. Il-kappella ġiet ikkonsagrata mill-**Isqof Paolo Alpheran de Bussan** fl-**1749**. Jidher li anke fis-seklu 18 il-kappella kienet miżmuma tajjeb. Meta fl-**1754** l-Isqof de Bussan reġa' żar din il-kappella sab li kienet mgħammra bl-affarijiet neċessarji u saħansitra kellha relikwija f'ostensorju tal-fidda. Xi partijiet minn din il-kappella ġġarrfu minħabba t-terremot tat-**12 t'Ottubru 1856**. Imma kif turi plakka li hemm fuq ġewwa n-naħa tax-xellug tal-bieb prinċipali, fis-sena ta' wara ġiet restawrata bil-flus tal-poplu biż-żelu tal-prokuratur **Dun Nikola Micallef**. Fuq l-istess plakka hemm nota li tfakkar li l-istorja rrepetiet ruħha minħabba t-terremot tat-**18 ta' Settembru 1923**. Din in-nota hi ffirmata *F. La Ferla*.

Il-kappella preżenti għandha forma rettangolari u msaqqfa bix-xorok li jserrħu fuq 8 ħnejjjiet. Il-faċċata esterna hi sempliċi u nieqsa mid-dekorazzjonijiet għajr għall-balavostri li jiffurmaw l-apramorta u l-kampnar li jinsab nieqes minn qanpiena. L-aħħar qanpiena li kienet tinsab f'dan il-kampnar kienet saret fl-**1873** fil-fonderija Maltija ta' **Ġulju Cauchi u ħutu**. Din il-qanpiena, li fuqha nsibu xbieha ta' l-Immakulata u l-arma tal-Papa Piju IX, tinsab fuq il-bejt **taċ-Ċentru Pastorali Santissima Trinità**, fiż-żona ta' Kirċippu. Sas-snin sittin kienet għadha tidher fil-faċċata, taħt it-tieqa prinċipali, l-istemma ta' l-**Isqof David Coccopalmieri** skolpita fil-ġebel. Din tissemma fil-viżta pastorali ta' l-1699. Għal xi raġuni din inqalgħet u l-ħajt tkaħħal. Mal-faċċata tal-kappella, fuq in-naħa tax-xellug tal-bieb prinċipali, kien hemm ukoll niċċa iddedikata lill-Madonna li x'aktarx inbniet fil-bidu tas-seklu 20. Din in-niċċa tneħħiet fis-snin sittin imma sal-lum għadhom jidhru mal-faċċata sinjali tagħha. Fuq in-naħa ta' wara tal-kappella hemm mibnija kamra li kienet isservi bħala

sagristija. Din tinfed għal ġol-kappella permezz ta' żewġ bibien, wieħed fuq kull naħa ta' l-altar. Fuq in-naħa tal-lemin tal-kappella hemm mibnija xi kmamar żgħar għall-użu tal-prokuratur tal-kappella, li jinfdu wkoll għal ġol-kappella.

Il-kappella hi nieqsa wkoll mid-dekorazzjonijiet fuq ġewwa, għajr għall-gwarniċa tal-pittura titulari skolpita fil-ġebel u xi dekorazzjoni mal-bordura tal-bibien li jagħtu għas-sagristija. Il-ħitan tal-kappella huma miżbugħin b'żebgħa tal-ġir lewn isfar. Il-kappella għandha altar sempliċi b'tabernaklu, l-art taċ-ċangatura u fdalijiet tal-fonti ta' l-ilma mbierek li kien insteraq dan l-aħħar. Il-pittura titulari ta' din il-knisja ċkejkna, li tirrappreżenta t-tħabbira ta' l-anġlu Gabrijel lil Marija, kienet ittieħdet ġewwa l-knisja parrokjali tas-Siġġiewi minħabba raġunijiet ta' konservazzjoni u sigurtà. Din il-pittura hija kopja fidila ta' l-Annunzjazzjoni ta' l-artist magħruf Taljan Guido Reni li tinsab fil-*Quirinale* ġewwa Ruma. L-artist tagħha mhux magħruf imma probabilment hu pittur Malti tas-seklu 17. Il-pittura hija iżgħar fid-daqs minn dik tal-*Quirinale* imma l-kompożizzjoni u l-kuluri huma simili. Hija turi wkoll l-istemma tal-kavallier li għoġbu jagħti din il-pittura lil din il-knisja.

F'dawn l-aħħar ħamsin sena, imma speċjalment bil-vibrazzjonijiet sizmiċi li seħħew bejn l-**2000** u l-**2002**, l-istat tal-kappella iddeterjora ħafna: l-art bdiet iċċedi, bdew jidhru konsenturi wesgħin fil-ħitan tagħha u s-saqaf infetaħ. Fil-fatt il-kappella ġiet magħluqa għal kollox minħabba l-periklu li tista' taqa'. L-ikbar fattur għal din id-detorjorazzjoni kollha hu l-fatt li l-kappella tinsab mibnija fuq qasma (fault) ikkaġunata minn ċaqliq fil-blat magħrufa bħala l-**qasma ta' Miġra Ilma**. Minkejja li matul l-aħħar snin saru xi tentattivi żgħar ta' restawr biex il-kappella tkun salvata milli tkompli taqa' dawn ma waslu għall-imkien. Forsi wasal iż-żmien li qalb qawwija oħra tegħleb din ix-xorti ħażina! L-aħbar tajba hi li l-awtoritajiet kompetenti diġà għandhom il-ħsieb li jirrestawraw din il-kappella fil-futur qarib.

**Referenzi**


Archivium Archiepescopale Melitense, Visitatio Pastoralis (Cagliares): 1634

AAM VP (Bueno): 1699-1700

AAM VP (de Bussan): 1751-1754

Abela M., (1969), Earthquakes in Malta, teżi mhix ippubblikata

Aquilina G. & Fiorini S., (2000), Documentary Sources of Maltese History, Part IV – Documents at the Vatican Vista Apostolica no.51 Mgr. Petrus Duzina 1575

Aquilina Ġ.,(1987), Maltese – English Dictionary

Borg V., (2008), Melita Sacra I, The Maltese Diocese and the Sicilian Environment from the Norman Period till 1500 AD

Borg Millo D., (1999), Paintings of the Annunciation of the Virgin in Malta: a stylistic and monographic study, teżi mhix ippubblikata

Cassar R., (2004), The Bells of Malta 1300-1900: an art historical consideration, teżi mhix ippubblikata

Ferris A., (1866), Descrizione storica delle Chiese di Malta e Gozo

Musumeci R., (2004), The Annunzjata Chapel at Ta' l-Gholja: a conservation strategy, teżi mhix ippubblikata

Serracino Inglott E., (1984), Il-Miklem Malti

Wettinger G., (2001), Place-names of the Maltese Islands ca 1300-1800



*Żuru s-sit elettroniku uffiċjali*

**www.armarsiggiewi.com**

*għall-informazzjoni nteressanti dwar dak kollu li jsawwar il-Grupp ta' l-Armar 6 ta' Diċembru*